**14 ta' April 1964**

**Imħallef:—**

***Onor. Edoardo Magri, LL.D.***

**Carmelo magħruf bħala Charles Darmenia**

*versus*

**Avukat Dottor Carlo Moore noe**

**Ċitazzjoni—Kawżali—Art. 155 (1) tal-Kodiċi tal-Proċedura**

*F'dan il-każ il-Qorti tirritieni bħala nulla kawżali f'ċitazzjoni fejn tkun espressa bħala "għal raġunijiet oħra li jiġu esposti tul it-trattazzjoni tal-kawża", u dana a tenur tal-artikolu 155 (1) tal-Kodiċi tal-Proċedura Ċivili.*

Il-Qorti, rat l-att taċ-ċitazzjoni li bih l-attur, peress li b'Mandat ta' Qbid maħruġ min dina l-Qorti fit-30 ta' Awissu, 1961, fuq it-talba tal-konvenut għas-somma ta' tmintax il-lira dsatax il-xelin u ħdax il-sold (£18.19.11); l-attur iddepożita taħt l-awtorità ta' dina l-Qorti l-istess somma Dok "A"; u peress li dina s-somma ma hijiex dovuta għaliex (1) il-konvenut aġixxa fl-istess Mandat fi kwalità ħażina; u (2) għaliex kien hemm ftehim espress illi l-ispejjes in kwistjoni ma kellhomx jeċċedu l-għaxar liri (£10), u anke għal raġunijiet oħra li jiġu esposti tul it-trattazzjoni tal-kawża, u konsegwentement ma huwiex validu fil-liġi; prevja kwalunkwe dikjarazzjoni neċessarja speċjalment dik li l-Mandat in kwistjoni huwa null u bla effett fil-liġi, u mogħti kull provvediment opportun; talab li għar-raġunijiet premessi dina l-Qorti tordna r-revoka tal-esekuzzjoni tal-imsemmi Mandat ta' Qbid, bl-ispejjes kontra l-konvenut.

Rat id-dikjarazzjoni tal-attur, in-nota tax-xhieda tiegħu, kif wkoll id-dokumenti minnu preżentati;

Rat in-nota tal-eċċezzjonijiet tal-konvenut nomine li biha qal li d-domandi attriċi huma infondati fil-fatt u fil-liġi; huwa mexxa sewwa bħala esekutur testamentarju peress li l-ispejjes ġew inkorsi mill-atti ta' Emmanuele Zammit u d-drittijiet tiegħu personalment huma dovuti lilu mill-assi salvo li huwa fir-resa tal-kontijiet jakkredita l-assi bis-somma li jkun daħħal mingħand l-attur għad-drittijiet u in rifużżjoni tal-ispejjes u li mhux eżatt li sar ftehim fuq kemm kellhom ikunu l-isppejjes, b'riserva ta' eċċezzjonijiet oħra.

Rat in-nota tal-eċċezzjonijiet ulterjuri tal-konvenut tat-2 ta' Diċembru, 1961 li minnha jidher li qal li l-kawżali ulterjuri miġjuba fl-att taċ-ċitazzjoni bil-kliem "u anki għar-raġunijiet oħra li jiġu esposti tul it-trattazzjoni tal-kawża" mhix imfissra ċar kif jirrikjedi l-art. 155 (1) Kod. Proċ. Ċivili u għalhekk ma tistax tiġi meħuda in konsiderazzjoni (ara Koll. XXIX — I p. 418 — XXX, II, 137, XXXIII, P. I 556 u XXXIV, P. I p. 108).

Ikkunsidrat:

Li l-attur qiegħed jitlob ir-revoka tal-esekuzzjoni tal-mandat ta' qbid, ta' natura esekutiva għar-raġunijiet indikati fil-premessi, u ċioe: (1) li l-konvenut aġixxa fl-istess mandat fi kwalità ħażina, u (2) għaliex kien hemm ftehim espress li l-ispejjeż in kwistjoni ma kellhomx jeċċedu l-għaxar liri (£10) u (3) anki għal raġunijiet oħra li jiġu esposti tul it-trattazzjoni tal-kawża. Il-konvenut nomine oppona dina l-aħħar kawżali (ara fol. 32 tal-proċess); u għalhekk huw xieraq li dina l-kwistjoni għandha qabel xejn tiġi investit minn dina l-Qorti.

Ikkunsidrat:

Li l-liġi proċedurali tagħna fl-art. 155 (1), tara li ċ-ċitazzjoni għandu jkun fiha imfisser ċar u sewwa l-oġġett u r-raġuni tat-talba. Dana l-artikolu ma jsemmix xi tkun il-konsegwenza ta' daka n-nuqqas, imma l-art. 792 (ċ) Kap. 15 li jekk l-att ikun vizjat fil-forma tiegħu meħtieġa mil-liġi, wkoll jekk mhux taħt piena ta' nullità, jekk dak l-istess att iġib preġudizzju li ma jistax jissewwa xorta oħra ħlief billi jiġi annullat, l-istess għandu hekk jiġi annullat;

Ikkunsidrat:

Li skond l-art. 175 Kap. 15, dina l-Qorti għandha l-poter li tordna jew tippermetti emendamenti fl-iskrittura, imma dana l-poter mhux possibbli li jiġi applikat meta l-emendament ikun jaffetta s-sustanza. Iżda peress li l-kliem kontenuti fl-imsemmija "kawża petendi", ma jistax jingħad li huma konformi għall-preskrizzjonijiet rikjesti mil-liġi għaliex appuntu l-lokazzjoni tal-imsemmi art. 155 (1) tal-Proċ. Ċivili hija intisa biex jiġu evitati fiċ-ċitazzjonijiet il-kawżali inċerti u ġeneriċi (v. Carrè Proc. Civ. Franc. Della Citazione, Lib. II, parte 2, para 321 pag. 517; u Kollez. XXXIV, I, 108, u s-sentenzi riportati fiha).

Tiddeċiedi dina l-eċċezzjoni ulterjuri tal-konvenut nomine billi tiddikjara li l-kliem espressi fl-imsemmija kawżali jikkostitwixxi nullità u m'għandhomx iżjed jiġu meħudin 'n calcolo għall-fini tal-kawża odjerna. L-ispejjes ta' dana l-inċident jibqgħu għall-attur.